MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 114/2007

**Emmanuel u Maria Emmanuela konjugi Abela**

**vs**

1. **Simon u Jospehine konjugi Azzopardi;**
2. **Francis u Luise konjugi Azzopardi;**
3. **Brian Azzopardi**

**Il-Qorti,**

## I. <u>PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi fejn gie premess:

Illi l- atturi jippossjedu in parti b’titolu ta’ qbieda u in parti b’titolu ta’cens bicciet raba’ fil-limiti tar-Rabat flimkien ma’ dar ghall-abitazzjoni.

Illi din ir-raba’ hija propjeta’ tal-Gvern ta’ Malta;

Illi l-konvenuti Simon Azzopardi, Frank Azzopardi u Brian Azzopardi jiggestixxu razzett adjacenti ghar-raba' u ghad-dar in parti imqabbla u in parti moghtija b'titolu ta' cens lill-atturi;

Illi l-konvenuti fethu diversi aperturi li jaghtu ghal fuq ir-raba' mqabbel ghand l-atturi, minn liema aperturi ntefghu diversi knaten u materjal iehor, inkluz demel, ghal gor-raba' mqabbel ghand l-atturi, u dan bi ksur tal- Artikolu 425 tal- Kap. 16 tal-  Ligijiet ta' Malta;

Illi inoltre, peress illi l-konvenuti jrabbu f'dan ir-razzett diversi bhejjem, qieghed ukoll jintrema' demel mal-hitan divizorji u ghal gor-raba' mqabbla ghand l-atturi, per konsegwenza ta' liema, *inter alia*, qeghda ssir hsara fil-hitan divizorji;

Illi per konsegwenza l-atturi Abela ma setghux jahdmu l-istess raba' u gew lilhom ikkagunati danni li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti;

Illi *inoltre,* fl-istess razzett gew installati fannijiet li jiggeneraw hsejjes eccessivi, liema hsejjes jezorbitaw il-limiti ta' tolleranza, u li huma ghalhekk ta' inkonvenjent serju ghall-atturi u l-familja taghhom, specjalment fil-hinijiet ta' bil-lejl meta l-istess fannijiet jithallew mixghula;

Illi fl-istess raba' mqabbla lill-atturi Emanuel Abela hemm giebja li minnha jisservew l-istess atturi;

Illi da parti taghhom, il-konvenuti ghamlu kostruzzjonijiet tali jew tibdiliet fil-bini taghhom per konsegwenza ta' liema kostruzzjoni jew tibdiliet l-ilmijiet u hmieg iehor li jaqa' fuq il-bejt tal-konvenuti qieghed jintrema' fl-istess giebja u ghalhekk ilma qieghed mniggez b'rizultat tal-eghmil dirett tal-konvenuti;

Illi l-konvenuti, permezz ta' ittra ufficjali datata 19 ta' Settembru 2006, kopja ta' liema qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok A, gew interpellati sabiex jaghlqu l-aperturi li huma fethu fil-hajt divizorju, sabiex ma

jibqax jintuza l-apparat li qieghed jiggenera hsejjes intollerabbli, u wkoll sabiex ma jintremiex ghal gol-giebja aktar ilmijiet u/jew hmieg;

Illi minkejja li l-konvenuti ghamlu xi xogholijiet kif interpellati, huma naqsu milli jottemperaw ruhhom ml-istess;

Illi minkejja wkoll illi fl-20 ta’ Dicembru 2006 l-attur Emanuel Abela rega’ intavola ittra ufficjali, kopja ta’ liema qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok B, kontra l-konvenuti sabiex jaghlqu l-aperturi kollha li thallew fl-istess hajt divizorju u li jaghtu ghall-propjeta’ mqabbla lill-mittenti, jaghmlu riparazzjonijiet ulterjuri li huma necessarji fil-hajt divizorju, u wkoll sabiex jaghmlu dak kollu necessarju sabiex l-ilma tal-bjut tal-konvenuti ma jibqax jintrema gol-giebja tal-atturi, il-konvenuti jew min minnhom irritorna l-ittra ufficjali lill-atturi bi kliem oxxen fuqha, kopja ta’ liema ittra ufficjali qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok C;

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti jew min minnhom, illegalment u abbuzivament, fethu aperturi fil-hajt divizorju li jifred ir-raba’ in parti mqabbla ghand l-atturi u in parti moghtija b’cens lill-atturi minn dik tal-konvenuti, u dan bi ksur tal-Artikolu 425 tal- Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna u tordna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din il-Qorti u a spejjez taghhom jghalqu l-aperturi kollha fil-hajt divizorju u jghamlu dawk ix-xogholijiet kollha li jirrizultaw necessarji fl-istess hajt divizorju u dan that dawk il-provvedimenti u direttivi li din il-Qorti joghgobha taghti u that id-direzzjoni ta’ perit nominand sabiex jissorvelja x-xogholijiet;

3. Fin-nuqqas jigu l-atturi awtorizzati sabiex a spejjez tal-konvenuti jghalqu l-aperturi kollha fil-hajt divizorju u

jghamlu dawk ix-xogholijiet kollha li jirrizultaw necessarji fl-istess hajt divizorju u dan bl-osservanza tal-imsemmija provvedimenti u that id-direzzjoni ta' l-istess perit;

4. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti jew min minnhom, bl-eghmil taghhom stess, ikkawzaw hsarat fil-hajt divizorju, u dan b'nixxiegha ta' ilma u/jew hmieg;

5. Tikkundanna u tordna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din il-Qorti u a spejjez taghhom jghamlu fil-fond taghhom dawk ix-xogholijiet mehtiega sabiex ma ssirx hsara fil-hajt divizorju, dan a tenur tal-Artikolu 428 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan that dawk il-provvedimenti u direttivi li din il-Qorti joghgobha taghti u that id-direzzjoni ta' perit nominand sabiex jissorvelja x-xogholijiet;

6. Fin-nuqqas jigu l-atturi awtorizzati sabiex a spejjez tal-konvenuti jaghmlu fil-fond taghhom dawk ix-xogholijiet mehtiega sabiex ma ssirx hsara fil-hajt divizorju u dan bl-osservanza tal-imsemmija provvedimenti u that id-direzzjoni ta' l-istess perit;

7. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-apparat installat mill-konvenuti fil-propjeta' taghhom qieghed jiggenera hsejjes li jezorbitaw il-limiti ta' tollerabilita' u ghalhekk johloq inkonvenjent serju lill-atturi;

8. Tikkundanna u tordna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din il-Qorti u a spejjez taghhom jirrimwovu u/jew jaghmlu dak kollu mehtieg sabiex l-atturi ma jibqghux jigu hekk molestati, u dan taht dawk il-provvedimenti li din il-Qorti joghgobha taghti, inkluz dawk *ai termini* ta' l-Artikolu 222 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Fin-nuqqas jigu l-atturi awtorizzati sabiex a spejjez tal-konvenuti jirrimwovu u/jew jaghmlu dak kollu ordnat lill-konvenuti u dan bl-osservanza ta' l-imsemmija provvedimenti;

10. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti jew min minnhom, illegalment u abbuzivament, ghamlu kostruzzjoni jew tibdil fil-kostruzzjoni per konsegwenza ta' liema kostruzzjoni u jew tibdiliet ilma u hmieg iehor qieghed jintrema' fir-raba' u fil-giebja mqabbla ghand l-atturi;

11. Tikkundanna u tordna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din il-Qorti u a spejjez taghhom jaghmlu dawk ix-xogholijiet necessarji sabiex l-istess ilma u/jew hmieg iehor ma jibqghax jintrema' fil-giebja ta' l-atturi;

12. Fin-nuqqas jigu l-atturi awtorizzati sabiex a spejjez tal-konvenuti jaghmlu dak kollu ordnat lill-konvenuti u dan bl-osservanza ta' l-imsemmija provvedimenti.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat illi r-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw risposta guramentata u b'hekk baqghu kontumaci.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Dr.Ciliberti ghan-nom tal-atturi li l-mertu tal-kawza huwa ezawrit kif verbalizzat fis-seduta datata 2 ta' Ottubru 2008 u kif huwa ndikat ukoll fir-rikors tal-atturi tas-7 ta' Dicembru 2007.

Ezaminat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talbiet attrici jirrizultaw ezawriti salv il-kap ta' l-ispejjez.

Fil-kontumacja tal-konvenut **taqta' u tiddeciedi** billi tiddikjara l-mertu ezawrit *stante* li x-xogholijiet mehtiega saru fil-mori tal-kawza a sodisfazzjon tal-atturi. Tikkundanna fl-istess waqt lill-konvenuti fil-kontumacja taghhom sabiex ihallsu l-ispejjez tal-kawza.
**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------